# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Frar 2002**

**Numru**

**App. Krim. numru:  79/01 NA (G)**

**Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech)**

**vs**

**Julian Mercieca**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant talli fis-17 ta' Jannar 2001 fid-9.00 a.m. u f'dawn il-granet fil-fond 41, Triq l-Ispiera, Xaghra, Ghawdex:-

1. zamm maqjel ta' naghag (aktar minn erbgha) f'distanza ta' inqas minn 183 metru minn lokalita' abitabbli minghajr il-permess ta' l-awtorita' sanitarja;

2. zamm gmiegh ta' demel f'maqjel fil-fond 41, Triq l-Ispiera, Xaghra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra mill-piena stabbilita mil-ligi tordna li l-istess inkonvenjent jitnehha fi zmien stabbilit mill-Qorti u fin-nuqqas tigi nflitta fuqu piena ta' mhux aktar minn Lm2 ghal kull gurnata li jeccedi z-zmien stabbilit mill-Qorti.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' April 2001 illi permezz taghha l-appellant instab hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-Artikoli 127 (2) u 319 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-istess appellant ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltija (Lm50) u ordnatlu jottempora ruhu sa zmien tlett gimghat mid-data tas-sentenza fuq penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) kull jum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors ta' l-appellipprezentat mill-appellant fit-23 ta' April 2001 illi permezz tieghu l-istess appellant iddikjara li hass ruhu aggravat mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' April 2001 u talab li din is-sentenza tigi revokata u l-appellant jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

Ikkonsidrat l-aggravji ta' l-appellant kif dedotti fir-rikors ta' l-appell tieghu, konsistenti, principalment, fis-segwenti:

(i) illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova kif titlob il-ligi li kien l-appellant illi zamm dan il-maqjel tan-naghag u pprocediet kontra l-appellant minghajr ma l-ewwel ivverifikat min kien sid in-naghag jew min kien responsabbli ghalihom;

(ii) illi l-Prosekuzzjoni lanqas ma gabet prova ta' l-inkonvenjent li talbet li jitnehha w il-fatt li seta' gie nnotat xi gmiegh ta' demel ma jikkostitwix awtomatikament inkonvenjent;

(iii) illi f'kull kaz il-piena nflitta hija wahda eccessiva u ghalhekk anke kieku s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kellha tigi konfermata fil-mertu kellu jkun hemm temperament fil-piena.

Semghet il-provi kollha prodotti w id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Semghet it-trattazzjonijiet taz-zewg partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi l-mertu ta' din il-kawza in succint jikkonsisti f'maqjel ta' naghag illi jinsab fl-indirizz 41, Triq l-Ispiera, Xaghra, Ghawdex, liema maqjel imiss mal-bini u postijiet ta' abitazzjoni, u f'liema maqjel jinzammu izjed minn erba' (4) naghgiet.

Illi qabel xejn tajjeb illi ssir riferenza ghall-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghall-kaz odjern.  L-Artikolu 127 (2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi ebda persuna ma jista' jzomm maqjel ghat-trobbija ta' naghag, baqar jew hniezer f'distanza ta' inqas minn 183 metru minn postijiet ta' abitazzjoni.  L-Artikolu 121 (2) (i) tal-Kapitolu  10 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi ebda persuna ma jista' jzomm jew jippermetti li jinzamm akkumulu ta' hmieg jew demel.  L-Artikolu 319 tal-Kapitolu  10 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula l-pieni applikabbli u jipprovdi illi min jinstab hati ta' ksur ta' xi wahda mill-kontravenzjonijiet imsemmija fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija huwa soggett ghall-pieni stabbiliti mill-Kodici Kriminali ghall-kontravenzjonijiet, jew, jekk il-Qorti jkun jidhrilha illi l-

offiza timmerita piena izjed harxa, jista' jehel multa u piena karcerarja ta' mhux izjed minn xahar.  L-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-pieni applikabbli skond il-ligi ghall-kontravenzjonijiet huma d-detenzjoni, l-*ammenda* jew l-ammonizzjoni.  L-Artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi l-*ammenda* massima li tista' tigi nflitta hija ta' Lm25 u dik minima ta' Lm3.  L-Artikolu 377 (3) tal-Kapitolu  9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-Qorti tista', minbarra l-piena, tordna lill-imputat sabiex entro terminu ta' zmien ragjonevoli illi jigi stipulat mill-Qorti, u f'kull kaz mhux izjed tard minn tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza, inehhi l-inkonvenjent, u fin-nuqqas jehel *ammenda* ta' mhux inqas minn zewg liri Maltin (Lm2) u mhux izjed minn ghaxar lir Maltin (Lm10) ghal kull jum ta' ritard.

Illi din il-Qorti issa se tghaddi biex tezamina l-provi prodotti f'din il-kawza.  Il-provi minn naha tal-Prosekuzzjoni kienu jikkonsistu fix-xhieda moghtija minn John Busuttil, Assistant Principal Health Inspector u ta' John Grech, Senior Health Inspector fl-ufficcju tas-Sanita' ta' Ghawdex.

Ix-xhud John Busuttil xehed illi kienu rcevew hafna lmenti rigwardanti dan il-maqjel ta' naghag f'41, Triq l-Ispiera,

Xaghra, kienu saru spezzjonijiet minn fejn irrizulta illi dan il-maqjel kien biswit djar ta' abitazzjoni, li fih kienu jinzammu kwantita' ta' naghag u kien hemm ukoll gmiegh ta' demel. In sostenn ta' dan ix-xhud esebixxa tliet ritratti li juru numru sostanzjali ta' naghag mizmuma f'maqjel li fih kien hemm id-demel u bid-djar ta' abitazzjoni fil-vicinanzi immedjati. Ix-xhud John Busuttil kompla stqarr illi l-akkuza harget kontra l-appellant peress illi kien gie ndikat mill-Pulizija u mill-persuni li kienu ghamlu l-ilmenti. Qal ukoll illi meta marru fuq il-post barra l-maqjel kien ikun hemm it-trukk ta' l-appellant ipparkjat pero' huwa qatt ma rah gol-maqjel u meta habbat qatt ma fetahlu hadd.

Ix-xhud John Grech, filwaqt li kkonferma dak li qal ix-xhud l-iehor John Busuttil, zied ighid illi lill-appellant kien kellmu diversi drabi dwar din il-kwistjoni u ghalkemm dan dejjem kien ighidlu li se jnaddaf pero' s-sitwazzjoni baqghet dejjem l-istess u b'hekk kienu gew istitwiti l-proceduri kriminali. Qal ukoll illi lill-appellant kienu hargulu avviz ufficjali u kien mar ikellmu l-ufficcju u qatt ma kien innega illi n-naghag kienu tieghu.

Xehed ukoll l-appellant illi sostna illi mill-fond in kwistjoni huwa kellu biss zewg terzi ndivizi filwaqt li t-terz indiviz l-iehor

kien ta' haddiehor.  Qal ukoll illi dwar dil-kwistjoni tan-naghag qatt ma kien kellem lil hadd mill-ufficju tas-Sanita' u kompla jghid illi n-naghag in kwistjoni kienu ta' huh Marvic Mercieca u mhux tieghu u li hu ma kienx jghinu fit-trobbija ta' dawn in-naghag.  Qal ukoll illi huwa joqghod fis-sular ta' fuq tal-fond in kwistjoni.

Dawn huma l-assjem tal-provi illi fuqhom din il-Qorti trid tiddeciedi din il-kawza.  Din il-Qorti tistqarr minghajr ebda tlaqliq illi l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni setghu jkunu ferm izjed sodi w inattakkabbli.  Hija inkomprensibbli ghaliex, per ezempju, ma gewx imressqa bhala xhieda l-girien illi prezumibbilment ghamlu l-ilmenti ma' l-Ufficcju tas-Sanita' u, tal-inqas, il-Pulizija stazzjonati fl-Ghassa tax-Xaghra illi dderigew lill-ufficjali tas-Sanita' ghall-appellant.

Illi ghal dawk li huma fatti oggettivi l-ezistenza tal-maqjel ta' izjed minn erba' naghgiet fil-fond 41, Triq l-Ispiera, Xaghra f'distanza ta' inqas minn 183 metri mill-abitat jirrizulta ampjament pruvat u pacifiku u lanqas mhu kontestat mill-istess appellant.  Mix-xhieda moghtija minn John Busuttil u Louis Grech jirrizulta wkoll illi kien hemm gmiegh ta' demel fil-

maqjel in kwistjoni, kif jirrizulta wkoll mill-istess ritratti minnhom ezebiti, u kwindi anke dan il-fatt jirrizulta ppruvat.

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fl-allegazzjoni illi n-naghag in kwistjoni mhumiex tieghu izda ta' huh u li huwa mhuwiex responsabbli ghall-istess naghag.

Din il-Qorti tosserva illi ma jistax jinghad illi kull meta l-Qorti tkun rinfaccjata b'zewg verzjonijiet differenti allura necessarjament tinholoq sitwazzjoni ta' kunflitt ta' provi illi ghandha twassal awtomatikament ghal-liberazzjoni ta' l-imputat minn kull imputazzjoni u htija, kif donnu jargumenta l-istess appellant.

Fil-kaz odjern din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen ix-xhieda moghtija mis-Senior Health Inspector Louis Grech illi xehed illi meta kien inhareg avviz ufficjali kontra l-appellant dan kien mar ikellimhom u ghalkemm accetta illi kien se jnaddaf pero' huwa qatt ma ghamel dan u b'hekk gew istitwiti dawn il-proceduri.

Minn naha tieghu l-appellant l-ewwel jintenta jinheba wara l-allegazzjoni illi huwa mhuwiex proprietarju tal-fond intier izda

biss ta' zewg terzi indivizi minnu w imbaghad ighid illi n-naghag mhumiex tieghu izda ta' huh, ghal liema zewg tezijiet pero' ma gab ebda provi, la in kwantu ta' xhieda u lanqas provi dokumentarji. Il-Qorti temmen illi din l-allegazzjoni mhix attendibbli u kwindi l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-appellant jirrizultaw ippruvati.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tinfliggi l-*ammenda* massima ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet illi taghhom l-appellant instab hati filwaqt illi pprefiggiet terminu ragjonevoli ta' tliet (3) gimghat biex jitnehha l-inkonvenjent taht piena ta' Lm2 kull jum fin-nuqqas, illi hija l-minimu prefiss mil-ligi. Ghaldaqstant din il-Qorti ma thossx illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti tista' b'xi mod tigi ritenuta bhala eccessiva u kwindi ma tarax ghaliex ghandu jkun hemm it-temperament fil-piena rikjest mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell intavolat mill-appellant u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' April 2001 illi permezz taghha l-appellant instab hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-Artikoli 127 (2) u 319 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, gie kkundannat lill-

istess appellant ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltija (Lm50) u gie ordnat jottempora ruhu sa zmien tlett gimghat mid-data tas-sentenza fuq penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) kull jum fin-nuqqas.  Ghall-fini ta' dan it-terminu l-perjodu ta' tlett gimghat ghandu jiddekorri millum.

Deputat Registratur

rf.